# Malta






# Il-Fond Soċjali Ewropew f'Malta, 2007-2013

Il-programm tal-FSE f'Malta jgħin il-pajjiż iżomm il-pass mal-bidliet fl-ekonomija globali billi jkabbar il-kapaċitajiet tar-riżorsi umani tiegħu billi jiffoka fuq l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ. Wieħed mill-objettivi ewlinin huwa t-tkabbir ta' l-aċċess għas-suq tax-xogħol billi l-ħaddiema jiġu imħeġġa jinvestu fihom infushom permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li jiġu megħjuna dawk li l-aktar jeħtieġu li jsibu impjieg permezz ta' aċċess għal taħriġ aħjar. Qiegħda tingħata attenzjoni speċjali lill-opportunitajiet lin-nisa u lit-taħriġ fit-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni (ICT).

## Il-Fond Soċjali Ewropew fil-qosor

Il-Fond Soċjali Ewropew, imwaqqaf fl-1957, huwa l-istrument finanzjarju ewlieni ta' l-Unjoni Ewropea biex tinvesti fin-nies. Dan jappoġġja l-impjiegi u jgħin lin-nies isaħħu l-edukazzjoni u l-ħiliet tagħhom filwaqt li jtejjeb il-prospetti tagħhom tax-xogħol.

Dawn huma l-ħames prijoritajiet tal-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew:

- Għajnuna lill-ħaddiema u lill-intrapriżi biex jaddattaw irwieħhom għall-bidliet fiċ-ċirkustanzi ta' l-ekonomija
- Tkabbir fl-aċċess għall-impjieg u l-parteċipazzjoni fiddinja tax-xogħol tax-xogħol
- Titjib fit-taħriġ u l-ħiliet , kemm ta' l-individwi kif ukoll permezz ta' sistemi aħjar ta' edukazzjoni u taħriġ
- Promozzjoni ta' sħubija bejn il-parteċipanti bħal dawk li jħaddmu, it-*trade unions* u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, għal riforma fl-oqsma ta' l-impjieg u ta' l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol
- Tisħiħ ta' l-inklużjoni soċjali għal nies żvantaġġjati u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol

L-Istati Membri u r-reġjuni jiddisinjaw il-Programmi Operattivi tal-FSE tagħhom biex dawn jirrispondu għall-ħtiġijiet reali fil-kuntest tagħhom. Tul il-perjodu 2007-2013, il-FSE se jonfoq 'il fuq minn 10 biljun euro fis-sena madwar l-Istati Membri kollha. Din iċ-ċifra tirrappreżenta aktar minn 10% tan-nefqa totali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea

## Is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika u dik tax-xogħol f'Malta

Imqabbla mal-kumplament ta' l-UE, l-ekonomija f'Malta waqgħet lura mill-2000. Il-PGD għal kull ras niżel minn madwar 77% tal-medja ta' l-UE-25, għal ftit inqas minn 70% fl-2005. Ir-rati ta' l-impjieg għadhom taħt il-medja ta' l-UE u hemm differenzi evidenti bejn l-impjieg ta' l-irġiel u dak tan-nisa.

Malta ntlaqtet ħażin biż-żieda fil-globalizzazzjoni u għaddiet minn ristrutturar qawwi tul dawn l-aħħar snin. B'konsegwenza ta' dan kien hemm tnaqqis fl-impjieg fis-settur pubbliku u f'numru ta' industriji tal-manifattura; madankollu, irriżultaw opportunitajiet ġodda fl-impjieg ogħla fis-settur tas-servizzi u fl-ekonomija ta' l-għarfien. Ir-riżultat ta' dan kien żieda żgħira fin-numru ta' nies jaħdmu. Fl-istess waqt, jidher li l-qgħad stabbilizza ruħu, sa ċertu punt minħabba li aktar żgħażagħ qegħdin ikomplu jistudjaw – għalkemm hemm ħafna aktar xi jsir f'dan ir-rigward.

L-impjieg totali fl-2005 kien ta' ftit aktar minn 54% li hija ħafna inqas mill-mira ta' l-UE ta' 70% – primarjament minħabba r-rata baxxa ta' impjiegi fost in-nisa. B'inqas minn 34%, ir-rata ta' impjiegi tan-nisa hija ħafna inqas mill-medja ta' 52% fl-UE. Dan jista' jkun parzjalment dovut għal raġunijiet ta' kultura u l-kura tat-tfal, b'dan ta' l-aħħar tradizzjonalment jitlob disponibilità netta ta' l-ommijiet. Terġa' u tgħid, ir-rata ta' l-impjieg għal nies bejn il-55 u l-64 sena hija baxxa ħafna – 30% – meta mqabbla mal-medja ta' l-UE u l-mira ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.

Asspett ieħor huwa li kważi nofs in-nies qiegħda kienu bejn il-15 u l-24 sena fl-2005, parzjalment minħabba li d-destinazzjonijiet tradizzjonali ta' dawk li jispiċċaw l-iskola ta' età żgħira (fabbriki u impjiegi klerikali) għaddew minn ristrutturar u allura qegħdin joffru inqas impjiegi. Barra minn hekk, ċerti tipi ta' xogħol, pereżempju fl-industrija tal-kostruzzjoni, mhumiex daqshekk attrajenti għall-ġenerazzjoni żagħżugħa. F'Malta, madwar 41% taż-żgħażagħ jitilqu mill-iskola kmieni. Din ir-rata hi ħafna aktar mill-medja ta' 15% fl-UE; filwaqt li huma biss 51% taż-żgħażagħ ta' bejn l-20 u l-24 sena li spiċċaw b'suċċess l-istudji sekondarji ogħla, kontra l-medja ta' 77% fl-UE. In-numru ta' żgħażagħ ta' 19-il sena fl-università huwa żgħir,; madwar 23% fl-2005. Dan huwa iżgħar minn dak ta' ħafna pajjiżi Ewropej, u l-gvern ikkommetta ruħu li jgħolli l-parteċipazzjoni għal 30% sa l-2010. Il-parteċipazzjoni fil-korsijiet tax-xjenza u l-inġinerija hija baxxa wkoll.

## Il-prijoritajiet tal-FSE f' Malta

Bħala pajjiż żgħir b'riżorsi naturali limitati minbarra t-turiżmu, l-ekonomija Maltija tiddependi aktar minn ekonomiji oħra fuq il-kwalità tal-ħaddiema tagħha u l-kapaċità li jaddattaw għall-bidliet fil-qasam ekonomiku. Din hija r-raġuni għalfejn tingħata importanza speċjali fuq it-tiswir ta' kultura ta' edukazzjoni u it-taħriġ.

Il-programm Malti tal-FSE jiffoka fuq l-inkoraġġiment għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u b'hekk jissawru l-kapaċitajiet u l-addattabilità. L-inkoraġġiment għat-tagħlim tul il-ħajja u l-għajnuna biex iktar nisa jidħlu jaħdmu huma prijoritajiet primarji. Ir-riżorsi huma iffokati biex jirriflettu dan, l-aktar fl-oqsma ta' l-anti-diskriminazzjoni, il-kura tat-tfal u t-taħriġ mill-ġdid meta jerġgħu jidħlu jaħdmu, dan kollu bl-idea li jissaħħu b'mod sod ir-rati ta' l-impjieg tan-nisa.

Minħabba li Malta għandha inqas studenti universitarji minn pajjiżi oħra ta' l-UE, u minħabba li ħafna minn dawn huma qiegħda, in-nies se jkunu mħeġġa jkomplu bl-edukazzjoni, speċjalment fl-oqsma tax-xjenza, l-inġinerija u l-ICT, li huma tant importanti għall-ekonomija u vitali għall-modernizzazzjoni.

Il-prijoritajiet tal-Programm Operattiv ta' Malta għall-finanzjament tal-FSE huma:

### Prijorità 1 – Insaħħu l-edukazzjoni u ħilitna

- L-inkoraġġiment għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni fil-livelli u s-suġġetti kollha, b'hekk jiġu aġġornati l-għarfien u l-ħiliet tar-risorsi umani
- Iż-żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni ta' l-istudenti fix-xjenza, fit-teknoloġija u l-ICT fl-edukazzjoni ogħla
- It-titjib fil-kwalità u r-relevanza ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ

### Prijorità 2 – Ninvestu fl-impjegabbilta' u l-adattabbilta' tal-ħaddiema.

- Naċċertaw li l-kumpaniji u l-impjegati jkunu jistgħu jaddattaw ruħhom għall-ħtiġijiet ta' l-ekonomija: l-aġġornament tal-ħiliet u t-twessigħ tal-perspettivi
- Iż-żieda fir-rati tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja

### Prijorità 3 – Promozzjoni ta' l-ugwaljanza u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol.

- Il-promozzjoni ta' l-impjieg stabbli u ta' kwalità fost in-nies li ilhom qiegħda, kif ukoll -għajnuna lin-nisa biex joħorġu jaħdmu
- L-għoti ta' assistenza speċjali lil gruppi żvantaġġjati, fl-istess waqt li jiġu indirizzati d-distorzjonijiet tas-suq
- L-assistenza lil nies fil-bżonn biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u għajnuna biex dawn iżommu l-ħiliet tagħhom aġġornati

### Prijorità 4 – Insaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi.

- It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi, tal-gvern lokali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili
- It-tisħiħ ta' l-effiċjenza u l-effettività tas-settur pubbliku
- Il-kontribut lejn l-iżvilupp ta' sħubija effettiva f'firxa wiesgħa ta' oqsma politiċi.

Id-Diviżjoni tal-Koordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għandha r-responsabbiltà tat-tmexxija u l-koordinazzjoni ġenerali ta' dan il-Programm Operattiv.

**Pjan finanzjarju għall-Fond Soċjali Ewropew f'Malta, 2007–2013 (euro)**



| Assi tal-prijorità | Finanzjament tal-komunità | Finanzjament nazzjonali | Finanzjament totali |
|---|---|---|---|
| Insaħħu l-edukazzjoni u ħilitna | 31 790 000 | 5 610 000 | **37 400 000** |
| Ninvestu fl-impjegabbilta' u l-adattabbilta' tal-ħaddiema. | 26 345 750 | 4 649 250 | **30 995 000** |
| Promozzjoni ta' l-ugwaljanza u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol. | 31 365 000 | 5 535 000 | **36 900 000** |
| Insaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi. | 18 194 250 | 3 210 750 | **21 405 000** |
| Assistenza Teknika | 4 305 000 | 759 705 | **5 064 705** |
| **Total** | **112 000 000** | **19 764 705** | **131 764 705** |

## Xi proġetti preċedenti tal-FSE f'Malta, 2004-2006

- It-'Training and Employment Exposure Scheme' assistiet nies qiegħda ta' 'l fuq minn 40 sena biex jiksbu aċċess għas-suq tax-xogħol u jżidu l-kapaċità tagħhom għax-xogħol. Din l-iskema ta' sena mexxiet lill-parteċipanti mit-taħriġ speċjalizzat għall-postijiet tax-xogħol. Minn 460 parteċipant, 285 issa huma impjegati – 237 sabu impjieg permezz tal-proġett, 40 sabu impjieg alternattiv, u 8 qegħdin jaħdmu għal rashom.
- Il-proġett 'Tourism and Support Services Training Programme' iffoka fuq dawk li jipprovdu t-trasport u s-servizzi turistiċi u ta taħriġ iddisinjat apposta għall-propjetarji, maniġers u SMEs f'dawn is-setturi. L-objettivi ewlenin kienu li jiġu mmodernizzati s-servizzi provduti mill-ħaddiema, li jittejbu l-livelli u l-prattiċi tax-xogħol fl-industrija tat-turiżmu u li jiġu aġġornati l-kapaċitajiet ta' l-impjegati f'numru ta' oqsma. Saru aktar minn 40 programm ta' taħriġ, li għenu total ta' madwar 800 ruħ.
- 'Initiating and Managing Community Based Lifelong Learning Centres' stabbilixxa ċentri komunitarji ta' tagħlim tul il-ħajja biex jgħinu lil dawk li qegħdin l-aktar fil-periklu ta' l-esklużjoni soċjali. Il-proġett ħarreġ għalliema li mbagħad mexxew korsijiet individwali. Ingħatat varjetà sħiħa ta' programmi f'suġġetti li kienu jvarjaw mill-ICT sa żvilupp personali – b'total ta' 214-il kors li għalihom attendew kważi 1,900 parteċipant.

## ESF contacts


**F'Malta**

L-Awtorità għall-Immaniġġjar
tal-Programm tal-FSE
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Id-Diviżjoni tal-Koordinazzjoni
ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet
12, Triq San Pawl
Valletta CMR 02
Tel: +356 22001142
Fax: +356 22001141
e-mail: info.ppcd@gov.mt
Websajt: www.ppcd.gov.mt

**Fi Brussel**

Information service of DG Employment,
Social Affairs & Equal Opportunities
Communication Unit
B-1049 Brussels
Fax: +32 (0)2 296 23 93
E-mail: empl-info@ec.europa.eu
http://ec.europa.eu/esf


## Reġjuni eliġibbli 2007-2013




Il-livell tal-finanzjament tal-FSE ivarja minn reġjun għal ieħor, skond il-ġid relattiv.

Malta hija eliġibbli skond objettiv ta' konverġenza bi PGD għal kull ras ta' inqas minn 75% tal-medja ta' l-UE-25.